TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Fl-atti tat-Talba CCT 90/24/F

Kevin Penza
u b'Digriet tat-Tribunal tal-10 ta' Ġunju 2024, ġiet miżjuda wkoll Maria Farrugia

vs

World Marketing Services Limited

Illum, 18 ta' Mejju 2026

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar l-20 ta' April 2024;

Ra r-Risposta tal-azjenda intimata ppreżentata fis-27 ta' Mejju 2024;

Sema' x-xhieda bil-ġurament u s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra li permezz ta' Digriet tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2024, ġiet miżjuda wkoll Marisa Farrugia bħala Rikorrenti;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkonsidra:

Illi permezz tat-talba tagħhom, ir-Rikorrenti qed jitolbu li l-azjenda intimata tiġi kkundannata tħallashom s-somma ta' €120 bħala rifużjoni ta' depożitu mħallas fuq sistema ta' *reverse osmosis*. Kevin Penza jispjega li kellu intenzjoni jinstalla erba sistemi b'kollox f'erba fondi differenti – tnejn residenzjali, tnejn kummerċjali. Ir-

rikorrent jgħid li inizzjalment, is-sistema ma setgħetx tiġi nstallata immedjatament minħabba li kien għad jonqos xi xogħolijiet fil-fond, imma wara li tlestew ix-xogħolijiet, informa lill-azjenda intimata li setgħet issir l-installazzjoni, imma minkejja li kif jgħid, ġera ħafna warajhom, baqa' ma ingħatax appuntament għall-installazzjoni. Minħabba dan id-dewmien eżaġerat, u l-fatt li huwa tilef il-fiduċja tiegħu fis-servizzi tal-azjenda intimata, ir-Rikorrent ikkanċella l-ordni u talab rifużjoni tad-depożitu. In sustanza, dan huwa l-mertu tat-talba tar-Rikorrent.

Illi fir-Risposta tagħha, in sustanza l-azjenda intimata ssostni prinċipalment li dan it-Tribunal ma għandux kompetenza jisma' din il-vertenza minħabba li si tratta ta' kuntratt kummerċjali minħabba li fuq is-*sales order* hemm indikat isem Dr Marisa Farrugia flimkien man-numru tal-VAT tagħha (eċċezzjoni 1). Għall-istess raġuni li l-ordni saret fuq Dr Marisa Farrugia, l-azjenda intimata teċċepixxi li r-Rikorrent Kevin Penza waħdu ma għandux *locus standi* sabiex iressaq dawn il-proċeduri (eċċezzjoni 2). Fil-mertu, tgħid li mhux minnu li kien hemm delungar minn naħa tagħha sabiex tagħmel l-installazzjoni imma kien biss wara li kien għadda ż-żmien permess għall-kanċellament li r-Rikorrent beda' jikkuntattjaha sabiex jiġi rifuż id-depożitu (eċċezzjoni 3).

Illi t-Tribunal ra li permezz ta' Digriet tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2024, ġiet miżjuda wkoll Marisa Farrugia bħala Rikorrenti, u b'hekk ġiet sorvolata t-tieni (2) eċċezzjoni tal-azjenda intimata għax il-ġudizzju ġie integrat.

Fix-xhieda tiegħu, ir-Rikorrent Kevin Penza jgħid li r-*reverse osmosis* in kwistjoni kien ser jiġi nstallat fir-residenza tiegħu 47, Daniel Court, Flat 1, Triq il-Qaliet, Marsascala. Fuq l-ordni, ġie provdut in-numru tal-VAT ta' Marisa Farrugia minħabba li l-ħsieb kien li jiġu nstallati tlett sistemi oħrajn simili ġewwa fondi oħrajn, li tnejn minnhom kienu ħwienet.

Illi mill-provi prodotti, il-verżjoni mogħtija mir-Rikorrent li kien hemm ordni waħda biss għar-residenza tiegħu hija kontradetta mill-fatt li l-azjenda intimata ppreżentati żewġ *sales orders*:

- Numru C0214592 li tirreferi għall-installazzjoni ta' *reverse osmosis* fil-fond 'Boulevard', Triq Gużeppi Montebello, Ħal Tarxien. Il-prezz totali huwa ta' €1,315 li minnu tħallas depożitu fl-ammont ta' €100. Fuq din l-ordni, hemm in-numru tal-VAT 2411-7330 indikat;

- Numru C0214594 tirreferi għall-installazzjoni ta' *reverse osmosis* fil-fond Daniel Court, Fl 1, Triq il-Qaliet Marsaskala. Il-prezz totali huwa ta' €176 li

minnu thallas depożitu ta' €20. Fuq din l-ordni ma hemm l-ebda numru tal-VAT indikat.

Għalhekk, jidher li l-ammont ta' €120 mitlub permezz ta' dawn il-proċeduri huwa essenzjalment kompost mid-depożitu mħallas fuq iż-żewġ ordnijiet f'daqqa u ma jikkonċernax biss l-installazzjoni domestika fir-residenza tal-Rikorrent Kevin Penza.

Illi b'referenza għall-ewwel (1) eċċezzjoni tal-azjenda intimata, l-Artikolu 16(2) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur jgħid li t-Tribunal għal Talbiet ta' Konsumaturi (Malta) ikollu ġurisdizzjoni jisma' u jaqta' dwar talbiet li jsiru minn konsumatur. L-istess Att jiddefinixxi bħala Konsumatur kull individwu li fi transazzjonijiet u ħwejjeġ oħra koperti taħt l-Att jew b'regolamenti magħmulin taħtu, jkun qed jaġixxi għal għanijiet li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni.

Fix-xhieda tiegħu, ir-Rikorrent jammetti li l-installazzjoni f'Ħal Tarxien kellha ssir fil-ħanut ta' Marisa Farrugia bl-isem Boulevard, li jbiegħ home décor. Dan huwa użu purament kummerċjali. It-Tribunal ma jarax li r-Rikorrent Kevin Penza huwa kredibbli meta jgħid "ma nafx għalfejn Charles deherlu li kellu jikteb depożitu ta' €20 fuq sales order C0214594 u €100 fuq sales order C0214592" għax huwa ċar mill-assjem tal-provi li kien hemm żewġ ordnijiet f'dak l-istadju. Li kieku ma kienx hekk għalfejn saru żewġ *order forms* separati? Min provda żewġ indirizzi distinti lis-*sales representative* tal-azejnda intimata? Għalfejn tniżżel in-numru tal-VAT speċifikament fuq dik l-ordni li tirreferi għall-Boulevard u fuq l-ordni l-oħra ma tiniżżilx?

Fid-dawl tal-premess, it-Tribunal sejjer jilqa' l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-azjenda intimata u jqis li huwa biss kompetenti fir-rigward tal-ordni relattiva għall-fond Daniel Court, Fl 1, Triq il-Qaliet Marsaskala. Għalhekk, għall-fini ta' dawn il-proċeduri, it-talba taqa' għall-ammont ta' €20.

Issa, sa fejn hija konċernata l-ordni għall-installazzjoni domestika fl-indirizz 47, Daniel Court, Flat 1, Triq il-Qaliet, Marsascala, u ċioè il-mertu li jibqa' x'jiġi deċiż, it-Tribunal isib li lanqas hawn ma għandhom raġun ir-Rikorrenti, għax mill-atti jirriżulta li inizzjalment kien Kevin Penza stess li ried li l-installazzjoni tiġi ritardata għax il-fond għax kien għad hemm xogħol pendenti, u imbagħad, kien hemm diversi attentati ta' komunikazzjoni minn naħa tal-azjenda intimata sabiex issir l-installazzjoni tar-*reverse osmosis* imma kien addirittura impossibbli li Kevin Penza u/jew Marisa Farrugia jiġu milħuqa. Mhux dan biss, iżda in vista tax-xewqa eventwali tar-Rikorrenti li jikkanċellaw l-ordni, minkejja li kien għadda ħafna żmien, l-azjenda intimata xortawaħda offriet li jiġi konċess *credit* f'ammont ekwivalenti

sabiex jintuża fi prodotti u servizzi oħrajn. Għalhekk, it-Tribunal iqis li fiċ-ċirkostanzi kien ingħata rimedju li huwa raġjonevoli u b'hekk jilqa' ukoll it-tielet (3) eċċezzjoni tal-azjenda intimata.

Deċiżjoni:

Għalqastant, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiddikjara li ma għandux kompetenza sabiex jagħti rimedju dwar dik il-parti tat-Talba li tikkonċerna is-*sales order* numru C0214592 fl-ammont ta' €100, jgħaddi biex jiċħad ukoll il-parti rimanenti tat-Talba li tikkonċerna is-*sales order* numru C0214594 fl-ammont ta' €20.

L-ispejjeż ikunu a karigu tar-Rikorrenti.

Avv. Mattia Felice LL.B., LL.D. (Melit.), ECPC-B (Maastricht)
Arbitru